**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 235/2000**

**Il-Pulizija (Seduta ta' l-E.T.C.)**

**Vs**

**EMANUEL CUTAJAR**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Emanuel Cutajar gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta'Dicembru, 1999, u anke qabel din id-data, naqas li javza lill-E.T.C. bl-impieg tieghu bhala self-employed u kien jirregistra ghax-xoghol.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fid-19 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Emanuel Cutajar hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu ghall-mitt Lira Maltin (Lm100) Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Emanuel Cutajar datat 30 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda mill-gdid bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant hu li l-fatti rizultanti mill-provi bla ebda mod ma wasslu sabiex juru sal-grad rikjest mil-ligi li hu kien qed jahdem bhala 'self-employed' waqt li kien qed jirregistra ghax-xoghol.

Hija ghalhekk kwistjoni purament ta'apprezzament ta'provi.

Mill-provi li reghhet semghet mill-gdid din il-Qorti, ma giex ipprovat li dak li l-Ispetturi ta' l-E.T.C. kienu sabu lill-appellant jghamel fil-garage tad-dar

ta'abitazzjoni tieghu kien qed jghamlu bhala xoghol bi qligh ghall-terzi. Bla ebda mod ma gie pprovat li fil-fatt l-appellant kien qed jagixxi bhala persuna li qed tahdem ghall-rasha. Kull ma gie ppruvat hu li l-appellant kien qed jghamel xi xoghol zghir, bla hlas, fil-garage tad-dar tieghu fuq vettura tal-familja tieghu stess, haga li hija ferm normali fost il-familja Maltija. Certament dawn il-fatti ma jpoggux lill-appellant bhala xi persuna li qed tahdem ghal rasha. Hu f'dan is-sens ghalhekk li l-ewwel Qorti, in bazi ta'dawn il-provi, ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant huwa milqugh.

Ghal din ir-raguni l-appell ta'Emanuel Cutajar huwa milqugh b'dan li il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur